# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2016

Talba Numru: 7/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 33

**Charlotte Sammut (K.I. 124576 (M) )**

**Vs**

**Alfred Baldacchino (K.I. 565342M)**
**Fredjoyce, Triq il-Vitorja, Qormi**
**U**
**Joseph Galea (K.I. 500847 (M)) u Georgina Galea (K.I. 398950(M))**
**Apt 1, 1st Floor, 241, Dion Court, St Edward Street, Qormi**

**It-Tribunal,**

Din hija decizjoni dwar n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal sollevata mill-konvenuti Galea

Wara li ra t-talbiet tal-attur sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) danni li l-garaxx proprjeta' tal-attrici qed isoffri kawza ta' ilma li gej mill-appartament tal-konvenuti.

Wara li ra l-eccezzjoni tal-konvenuti Galea dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Wara li ha l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Baldacchino liema eccezzjonijiet ma jinkludux dik ta' nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal

Ikkonsidra dan li gej:

It-Tribunal huwa tenut jara jekk t-talba attrici hijiex semplici ghal hlas dovut minhabba danni li allegatament qed issofri l-attrici minhabba allegat perkolazzjoni ta' ilma li qed jidhol mill-proprjeta' tal-konvenut Baldacchino mikrija lill-konvenuti Galea.

Il-konvenuti Galea jsemmu s-sentenza ta' dan it-Tribunal diversament presedut kawza numru 217/2007 in sostenn tal-eccezzjoni taghhom; dan it-Tribunal jqis li c-cirkostanzi f'dik id-decizjoni ma humiex ugwali ghal din l-kawza tant li tali eccezzjoni giet sollevat mit-Tribunal 'ex ufficio' u mhux bhala eccezzjoni preliminari.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili per JRM deciza **25 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet 'Middlesea Insurance Company plc vs The Cargo Handling Co Ltd et'** u sentenza ohra tal-istess Qorti u tal-istess Imhallef tal-**01 ta' April, 2003** fil-kawza '**World Marketing Limited vs Information Technology Services Limited'** fejn inghad hekk:

*L-eccezzjoni taht ezami tintrabat ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa car li din tintrabat mal-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu flimkien mal-Artikolu 746 li jirreferi ghall-Artikoli migjubin warajh. Skont l-Artikolu 747(1) tal-Kap 12 kawza ta' valur incert jew indeterminat titqies dejjem li taqbez l-kompetenza tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni limitata. Fost it-tliet cirkostanzi l-ligi ssemmi bhala kawzi ta' valur indeterminabbli wiehed isib dawk il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mat-talba attrici u lanqas ma jista' jigi determinat kif jinghad fl-Artikolu l-ohrajn li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawza. Dan ifisser mela li jekk il-valur ma jissemmiex fit-talba attrici ma jgibx fih innifsu biss li dik il-kawza hija wahda ta' valur incert jekk dak il-valur huwa determinabbli.*

*Illi madankollu jibqa l-fatt li fejn il-valur ta' talba huwa incert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skont ir-rieda espressa tal-ligi hija din il-Qorti (Art. 32 tal-Kap 12.) Dan ukoll jaghmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati taghna ghar-rigward, fejn gie stabilit b'Awtorita' li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (u mhux il-Qorti Inferjuri) kienet kompetenti tisma l-kawza ghax l-attur ressaq talba ghal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li fl-istess waqt iccensuratu talli messu kien jaf li l-oghla ammont ta' kumpens li seta' jiehu ma kien qatt jizboq ammont li johrog mill-kompetenza ta' dik il-Qorti Inferjuri (**App Civ 4.11.1963 fil-kawza fl-ismijiet Gatt vs Mifsud Koll Vol XLVII.i.406).***

*Illi ghalhekk jinghad li bhala regola l-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet, mit-terminu nfushom tat-talba attrici billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u talbiet marbuta maghhom) li jiddefinixxi l-wisgha u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma l-kaz (**App. Civ. 7.10.1997) fil-kawza fl-ismijiet Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi).***

*Illi l-imsemmija regola ewlenija hija komplimentata bl-ohra fejn jinghad li l-kwestjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jinghad fl-azzjoni attrici imma wkoll minn dak li jressaq l-imharref bhala eccezzjoni (App Inf 31.7.1996 fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Zammit vs Joseph Ellul no**e). Kemm hu hekk fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla fil-05 ta' Novembru, 1992 per JSP fil-kawza fl-**ismijiet Guzeppa Borg vs Maria Mizzi et** "*inghad li ghall-fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti ghandu jittiehdu kont mhux tat-talbiet attrici imma wkoll tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.'

*Illi inghad ukoll li meta l-mertu ta' xi talba attrici jkun ta' valur indeterminat il-Qrati Superjuri jkollhom is-setgha li jisimghu l-kawza minkejja li xi talbiet ohrajn jaqghu fi hdan il-kompetenza tal-Qrati Inferjuri* (**App Civ 12.2.2001 fil-kawza fl-ismijiet Pauline Mizzi vs Concetta Key).**

Illi meta t-Tribunal jara l-premessi fl-avviz u n-natura tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mill-konvenut, bir-rispett kollu l-materja ma hijiex daqstant semplicistika daqs kemm wiehed jista jiccirkostriviha. Difatti l-attrici fit-talba taghha tikkontendi li l-hsarat qed dejjem jikbru.

Huwa bil-wisq pacifiku li ma huwiex l-att promotur wahda li jistabilixxi l-parametri li fihom it-Tribunal kellu jezercita l-gurisdizzjoni tieghu u li allura jiddetermina l-kompetenza tieghu. Fil-kaz in dizamina hu aktar minn ovvju li l-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq perkolazzjoni tal-ilma mill-fond tal-konvenut Baldacchino, li l-konvenuti Galea qed jeccepixxu li huwa s-sid Baldacchino responsabbili ghal hsarat, filwaqt li Baldacchino qed jeccepixxi li tali danni ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-konvenuti Galea u mhux hu.

Hu difatti pacifikatament akkont illi "l-kompetenza ma tiddependiex bilfors u unikament mit-talba tal-attur imma tista tiddependi wkoll fejn ikun il-kaz mill-eccezzjoni tal-konvenut" ('**Oscar Busuttil vs Giuseppe Camilleri noe'** Prim Awla 2.6.2952).

Illi l-Art 3(2) tal-Att 380 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrixxi li dan it-Tribunal ikollu gurisdizzjoni biex jisma u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus f'ammont determinat. Izda mill-premessi fit-talbiet tal-istess attrici kif ukoll mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti, s-sustanza tal-azzjoni fil-fehma tat-Tribunal tirrigwarda materja li timporta konsiderazzjonijiet ohra minn semplici domanda ta' hlas ta' flus u ghalhekk tesorbita

mill-kompetenza tat-Tribunal. **(vide Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja Appell Civ Inf 642/2001/1 per Imh Sciberras)**

Il-materja necessarjament ghandha tigi trattata, epurata u deciza fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet mertu tal-eccezzjoni u tal-istess premessi fit-talba attrici u dan it-Tribunal ma jistghax jinjorhom.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Galea u jiddikjara li dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni jiehu konjuzzjoni tat-talba tal-attrici.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**